MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 416/2010

**Advanced Telecommunications Systems Limited (C-9170)**

**Vs**

**Wayne Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' rikorrenti talbet sabiex l-intimat jghid il-ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat li jhallas lill-istess socjeta' rikorrenti s-somma ta' hamest elef ewro (€5000) rapprezentanti danni prelikwidati li inti obbligajt ruhhek li thallas ai termini tal-kuntratt ta' impjieg li kellek mas-socjeta' mittenti hawn anness u mmarkat bhala Dok "ATS1".

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali mibghuta lill-intimat u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 sa fol 4 tal-atti.

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 8 tal-istess atti) u li biha espona bir-rispett:

Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu respinti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi in effetti kuntrarjament ghal dak sottomess fir-rikors promotur, l-esponent ma kellhux l-impjieg tieghu irregolat mill-kuntratt t'impjieg Dok ATS1 u dan stante kuntratt antecedenti tas-26 t'Ottubru, 2006 li kopja tieghu qed jigi hawn anness bhala Dok WC1. F'dan il-kuntratt naraw li l-istanti kellu kuntratt ta' xoghol ghal perjodu indefinit u ghalhekk, mhuwiex permessibbli bil-ligi li tali impjieg tieghu jigi konvertit f'kuntratt ta' impjieg ghal perjodu definit kif ittanta li jaghmel l-attur.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandu jinghad li gie mpoggi f'posizzjoni ta' impossibilita' li jaderixxi mat-termini tal-kuntratt indikat u ghalhekk japplika l-principju nemo ad impossibilia tentur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda annessa mal-istess rikors (fol 9 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 14 ibid dwar l-imsemmi Dok WC1, in-nota a fol 15 ibid li biha gie esebit l-imsemmi Dok WC1 flimkien ma' dokument iehor mahrug mill-"Employment and Training Commission" (fol 16 sa fol 20 ibid) kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess socjeta' rikorrenti li pero baqghet minghajr risposta.

**Ikkunsidrat**

Illi gie spjegat minn Paul Agius (fol 22 et seq ibid) direttur tas-socjeta' rikorrenti, illi l-intimat kien, originarjament impjegat mas-socjeta' rikorrenti skont kuntratt ta' impjieg li jinsab esebit a fol 16 u fol 22 ibid u ffirmat fit-23 t'Ottubru, 2006. Ix-xhud issottolinea l-fatt illi kien kuntent bil-mod kif l-intimat kien jesegwixxi x-xoghol tieghu bhala "I.T. Technician". Izda wara li l-intimat kien qalli li kien imsiefer u ma setax jigi ghax-xoghol ghar-raguni msemmija fl-istess xhieda, hu kien skopra, permezz ta' gazzetta, illi filfatt, l-intimat kien inghata sentenza ta' prigunerija in konnessjoni ma' droga.

Sussegwentement, kien gie avvicinat minn missier u omm l-intimat kif ukoll minn missier it-tfajla ta' dan u, fil-fatt kien tela' sabiex jixhed in rigward il-karattru tal-intimat u kif dan kien jesegwixxi x-xoghol moghti lilu. Wara li ghadda certu zmien, omm l-intimat kienet staqsiet lix-xhud dwar jekk binha setax "…jigi lura ghax-xoghol mieghi wara li johrog mill-habs". Hu kien accetta din il-proposta bil-kundizzjoni li jara x'opinjoni kellhom l-impjegati l-ohra. Filfatt kemm hu kemm huh, direttur ukoll, kemm l-azzjonisti kienu ddecidew illi l-intimat kien wiehed li "…zbalja" u "…rega' gie impjegat maghna" u, effettivament, kien iffirma ftehim iehor ta' impjieg b'terminu definit "…almenu ghal tlett (3) snin". Dan il-ftehim gdid hu dak esebit a fol 3 tal-atti. Izda kif ghaddew tmien (8) xhur, l-intimat ikkonsenja ittra ta' dimissjoni mill-impjieg tieghu (ara fol 25 tal-istes atti) fejn allega li kien gie "…mistreated and shouted at for no reason whatsoever". Ix-xhud kompla billi qal li l-intimat wara li skonta l-piena, kien intbaghat ghall-kors f'Cipru b'nefqa ta' elfejn ewro (€2000).

Inoltre hu semma' li, skont il-klawsola 12 tat-tieni ftehim (ara fol 32) kien gie stipulat bejn il-partijiet li f'kaz li b'riferenza ghall-klawsola 2, dejjem tal-istess ftehim, l-intimat kien soggett ghal penali perentorja ta' hamest elef ewro (€5000) bhala "pre-liquidated damages". Inoltre semma' wkoll li l-intimat, filfatt, kien sab impjieg iehor ma' ditta ohra li hi kompetitrici tas-socjeta' rikorrenti (ara wkoll ix-xhieda ta' Adrian Sciberras a fol 46 ibid).

**Ikkunsidrat**

Illi b'riferenza ghar-rikors in esami kif ukoll ghall-imsemmija risposta sottomessa mill-konvenut ma ghandu jkun hemm ebda dubbju illi r-relazzjoni kuntrattwali bejn is-socjeta' rikorrenti u l-intimat hu regolat mit-tieni (2) ftehim li gie, debitament, ffirmat mill-intimat, wara li hu skonta piena ta' prigunerija u rega' gie impjegat mas-socjeta' rikorrenti.

Illi, meta ttermina l-impjieg tieghu hesrem qabel ma' skada t-terminu ta' tlett (3) snin kif stipulat bjen il-partijiet, hu gie suggett ghall-penali liberament accettatat minnu a bazi tal-klawsola 12, kif hemm fuq citat.

**Ikkunsidrat**

Illi, pero jigi notat illi mill-perjodu ta' tlett (3) snin l-intimat hadem b'kollox tmin (8) xhur. Ghalhekk, fil-fehma, tal-Qorti, f'dan il-kaz skontu ghandu jopera l-artikolu 1122 tal-Kodici Civili li jghid illi f'certi kazijiet il-Qorti tista' tnaqqas jew ittaffi l-penali deskritta bhala "pre-liquidated damages" fil-ftehim imsemmi, f'kaz ta' "obligazione di pace". Difatti fl-istess artikolu jinghad illi tali tnaqqis jista' jigi applikat f'kaz illi d-debitur jkun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni u l-kreditur jkun accetta espressament il-bicca li giet esegwita. Fil-kaz in desamina l-obbligazzjoni assunta mill-intimat giet esegwita "in parte" mill-intimat u certament ma jistax jinghad li dan sar minghajr l-accettazzjoni, da parti tas-socjeta' rikorrenti. Ghalhekk, il-penali ghandha tigi ridotta proporzjonalment. Dwar dan jidher li l-intimat esegwixxa madwar kwart (1/4) tal-obligazzjoni in esami u ghalhekk is-somma mitluba ghandha titnaqqas b'elf mitejn u hamsin ewro (€1250). In konkluzjoni, l-ammont ta' danni gja likwidati ghandu jammonta ghal tlett elef seba' mija u hamsin ewro €3750.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' "in parte", t-talba attrici u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tlett elef seba' mija u hamsin ewro €3750 bl-imghax legali mit-30 ta' Settembru, 2010 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali a fol 2 tal-atti dawn jithallsu in kwantu ghal

kwart (1/4) mis-socjeta’ rikorrenti, kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------